# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon – Agent President

Onor. Imhallef Abigail Lofaro

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti

Appeal Nr: 14/2013/1

**Ir-Repubblika Ta' Malta**

**vs**

**Rio Micallef**

**David Tabone**

**Darren James Vella**

Seduta tat-3 ta' April, 2019

**Il-Qorti;**

**Din hija sentenza dwar l-appell interpost mill-Avukat Generali mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-24 t' April, 2017 dwar eccezzjonijiet preliminari ulterjuri sollevati mill-akkuzati appellati rigwardanti n-nuqqas ta' valur probatorju tal-stqarrija rillaxata minn kull wiehed minnhom u sabiex dawn ma jingiebux a konjizzjoni tal-gurati.**

## I. L-alkkuzi:

B'att ta' akkuza numru 14/2013 fl-ismijiet fuq premessi, l-appellati huma akkuzati flimkien fl-Ewwel Kap u separatament fil-Kapi l-ohra hekk:

**L-Ewwel Kap:**

**Rio Micallef** (recidiv f'delitt),**David Tabone** u **Darren James Vella** talli saru hatja illi fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-granet u gimghat precedenti assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibighu jew jitraffikaw medicina f'Malta, kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Magha (Kap 31), jew ippromovew, ikkonstitwew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni;

U billi f'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' gudikatura kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Rio Micallef" tad-9 ta' Marzu 2006, Rio Micallef instab hati ta' delitt, l-Avukat Generali qieghed jaddebita lil dan l-istess akkuzat bl-addebitu tar-recidiva;

**It-Tieni Kap:**

L-Avukat Generali akkuza lil **Rio Micallef**, recidiv f'delitt, li rrenda ruhu hati talli fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-granet u gimghat precedenti, f'dawn il-Gzejjer, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura l-medicina ristretta u psikotropika MDMA, komunement maghrufa wkoll bhala droga "ecstasy", lil xi persuna jew ghal xi persuna, f'dawn il-Gzejjer jew x'imkien iehor, jew avza l-imsemmija droga ghall-bejgh, minghajr ma kienx fiil-pussess ta' awtorizazzjoni specjali ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni, jew ghal manifattura, xiri, bejgh uzu jew pussess mahruga mis-Superintendent tas-Sahha Pubblika skont id-disposizjzonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li

Ghandhom x'Jaqsmu maghha (Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini;

U billi f'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' gudikatura kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Rio Micallef" tad-9 ta' Marzu 2006, Rio Micallef instab hati ta' delitt, l-Avukat Generali qieghed jaddebita lil dan l-istess akkuzat bl-addebitu tar-recidiva;

**It-Tielet Kap:**

L-Avukat Generali akkuza lil **Rio Micallef**, recidiv f'delitt, li rrenda ruhu hati talli fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-granet u gimghat precedenti, f'dawn il-Gzejjer, uza jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika MDMA, komunement maghrufa wkoll bhala droga "ecstasy", minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Superintendent tas-Sahha Pubblika; u dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U billi f'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' gudikatura kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Rio Micallef" tad-9 ta' Marzu 2006, Rio Micallef instab hati ta' delitt, l-Avukat Generali qieghed jaddebita lil dan l-istess akkuzat bl-addebitu tar-recidiva;

**Ir-Raba' Kap:**

L-Avukat Generali akkuza lil **David Tabone** talli fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-granet u gimghat precedenti, f'dawn il-Gzejjer, uza jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika MDMA, komunement maghrufa wkoll bhala droga "ecstasy", minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Superintendent tas-Sahha Pubblika;

**Il-Hames Kap:**

L-Avukat Generali akkuza lil **David Tabone** talli fil-15 ta' Settembru 2008 u fil-granet u gimghat precedenti, f'dawn il-Gzejjer, uza jew kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regolai tal-1939 ghall-kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir-Regolai msemmija;

**II. Eccezzjonijiet:**

**1.** Fit-termini tal-artikolu 438 Kapitolu 9, l-akkuzati kienu ressqu eccezzjonijiet ta' natura preliminari ghal dawn l-akkuzi b'noti separati kif gej: **Darren James Vella** fis-6 ta' Gunju 2013; **David Tabone** 12 ta' Gunju 2013; u **Rio Micallef** 12 ta' Gunju 2013;

**2.** Fl-udjenza tal-14 ta' Jannar, 2015 quddiem il-Qorti Kriminali, **Daren James Vella** irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu, **David Tabone** irtira l-ewwel u t-tieni eccezzjoni u **Rio Micallef** irtira it-tieni eccezzjoni;

**III. Sentenza tal-Qorti Kriminali dwar l-eccezzjonijiet:**

Illi dawn l-eccezzjonijiet kienu decizi b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-11 ta' Frar, 2015 (sentenza riprodotta aktar 'l isfel) u ghalkemm l-Avukat Generali kif ukoll kull wiehed mill-akkuzati taw avviz ai termini tal-artikolu 499(3) Kapitolu 9 li kienu fi hsiebhom jappellaw

minn din is-sentenza, ma kien registrat ebda tali appell. Il-guri ghalhekk kien appuntat ghas-smigh ghat-2 ta' Mejju 2017, izda dan kien differit ghar-raguni li ser issegwi;

## IV. Talbiet ghall-eccezzjonijiet ulterjuri:

1. B'rikors tal-11 t'April, 2017, **Darren James Vella** talab li jkun awtorizzat iressaq eccezzjoni ulterjuri fit-termini tal-artikolu 449(1) Kapitolu 9 minkejja diversi snin wara l-iskadenza tat-terminu indikat fl-artikolu 438 (2) Kapitolu 9 stante li r-raguni ghal-din l-eccezzjoni inqala' wara l-iskadenza taz-zmien koncess mil-ligi;

2. B'rikors tal-21 t'April 2017 **Rio Micallef** ghamel talba ghall-awtorizazzjoni konsimili u alternattivament li l-Qorti tordna l-isfilz tal-istqarrijiet tieghu;

3. B'rikors tal-21 t'April 2017, **David Tabone** ukoll talab li ikun awtorizzat iressaq eccezzjoni preliminari in konnessjoni mal-istaqrijiet tieghu mehudha minghajr assistenza legali;

## V. Risposta tal-Avukat Generali:

L-Avukat Generali oppona ghall-kull wahda minn dawn it-talbiet ghaliex *inter alia* gia kienu eccepiti u inghatat decizjoni dwarhom liema decizzjoni ghalhekk ghaddiet in gudikat;

## VI. Digriet u Sentenza tal-Qorti Kriminali:

1. B'digriet taghha tal-24 t'April 2017, il-Qorti Kriminali laqghet it-talbiet tal-akkuzati u awtorizzat l-eccezzjonijiet ulterjuri ta' kull wiehed minnhom u ghaddiet biex tisma' s-sottomissjonijiet mill-partijiet dwar dawn l-eccezzjonijiet;

2. Fl-24 t'April, 2017, igifieri fl-istess jum, il-Qorti Kriminali prolatat is-sentenza taghha u biha **laqghet l-eccezzjonijiet** u ddikjarat illi kwalunkwe dikjarazzjoni u kull stqarrija bil-miktub

rilaxjati minnhom lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet bhala nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju u ghalhekk mghandhomx jingiebu a konjizzjoni tal-gurati u ukoll ma ghandux isir referenza ghalihom mill-ebda xhud waqt is-smiegh tal-guri.

## VII. L-Appell tal-Avukat Generali:

1. L-Avukat Generali interpona appell minn din is-sentenza permezz ta' rikors fir-registru ta' din il-Qorti tal-24 ta' April, 2017;
2. L-Avukat Generali hassu aggravat mhux biss bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-24 ta' April, 2017 izda ukoll bid-digriet taghha tal-istess jum li bih awtorizzat lill-akkuzati jintroducu eccezzjonijiet preliminari ulterjuri. Huwa jillanja s-sentenza appellata u jitlob it-**thassir u revoka** taghha bis-segwenti hames gravmi :1) *res judicata* dwar il-mertu; 2) l-eccezzjoni mressqa minn Darren James Vella ma hijiex legalment u proceduralment sostenibbli; 3) d-decizzjoni dwar eccezzjoni li tqajjmet biss mill-akkuzat David Tabone kienet estiza fuq l-akkuzati kollha anke jekk ma eccepewx bhalu ; 4) eccezzjoni ta' David Tabone ma tissubentrax fil-proviso tal-Artikolu 449(1) tal-Kapitolu 9; u 5) dikjarazzjonijiet rilaxxati minn persuni waqt accertamenti preliminari ma jammontawx ghall-interogatorju. Dawn ser ikunu trattati *seriatim*;

Ikkunsidrat:

## VIII. Digriet tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' April, 2017

1. Illi kif gia senjalat, l-Avukat Generali qieghed jillanja mhux biss is-sentenza mertu ta' dan l-appell izda ukoll id-digriet tal-Qorti Kriminali li bih awtorizzat l-istess eccezzjonijiet: "*Illi l-proviso ghall-Artikolu 449(1) certament li ma huwiex intiz sabiex iservi ta' Qorti tat-tielet istanza sabiex eccezzjoni deciza definittivament terga' titqajjem. Illi ghaldaqstant l-esponenti jerga' itenni li huwa ihossu aggravat bid-decizzjoni tal-Qorti Kriminali li mhux biss awtorizzat*

*lill-akkuzati jergghu iressqu l-istess eccezzjoni imressqa minnhom fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 438(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda ukoll regghet iddeterminat l-istess mertu"*;

2. Illi ghalhekk, l-Avukat Generali qieghed jorbot il-gravam tieghu ta' *res judicata* dwar is-sentenza flimkien mal-awtorizazzjoni tal-Qorti Kriminali sabiex l-akkuzati jressqu l-eccezzjoni ulterjuri taghhom. L-Avukat Generali ghalhekk mhux qed jikkontesta, b'mod generali, li ma setghux jitressqu eccezzjonijiet ulterjuri, izda jargument illi la darba dak il-mertu kien gia deciz allura ma setghux l-akkuzati jergghu jaghmlu eccezzjoni dwaru;

3. L-artikolu 438 (2) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li l-akkuzat ghandu, permezz ta' nota pprezentata fir-registru tal-Qorti mhux aktar tard minn hmistax-il jum tax-xoghol mid-data tan-notifika tal-att tal-akkuza, jaghti avviz dwar l-eccezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449 u kull eccezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-provi li jkollu hsieb li jaghti. L-artikolu 449 (1) fil-provizo tieghu imbaghad jipprovdi hekk:

> **449 (1) …../…..**
>
> **Izda l-qorti tista tawtorizza li jinghataw dawk l-eccezzjonijiet ghal raguni li tkun inqalghet wara z-zmien li fih in-nota msemmija fl-artikolu 438(2) ghandha tigi ipprezentata fir-registru tal-qorti**.

4. Illi ghalhekk, sabiex ikun deciz jekk il-Qorti Kriminali setghetx legalment tawtorizza l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-akkuzati jehtieg li *in primis* ikun deciz jekk il-mertu tal-eccezzjoni kienx *res judicata* jew le kif jikkontendi l-Avukat Generali. Isegwu ghalhekk konsiderazzjonijiet in rigward;

## IX. L-ewwel aggravju: *Res judicata* dwar il-mertu.

1. Dan huwa l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali li għalih iressaq l-argument illi *l-eċċezzjoni li titratta l-inammissibilita tal-istqarrijiet rilaxxati mill-akkużati mingħajr assistenza legali ġiet trattata u deċiża permezz ta' sentenza li saret irrevokabbli wara l-iskadenza tat-terminu preskritt mill-liġi sabiex jiġi ntavolat appell.* L-Avukat Generali isostni illi indubjament jirriżultaw it-tlett elementi meħtieġa sabiex ikun hemm *res judicata* iġifieri li d-deċiżjoni tkun dwar l-istess oġġett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*).

2. **Dr. Arthur Azzopardi** għall-akkużat **David Tabone**, argumenta waqt is-sottomissjonijiet orali illi kawża ttiqies *res judicata* meta tkun deċiża fit-totalita' tagħha u meta l-Qorti tiddisponi minn eċċezzjoni preliminari tkun qed tagħti deċiżjoni u mhux sentenza. Din titrasmetti ruħha ukoll fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti bħala waħda ta' Appell bil-konsegwenza illi dan muhiex appell minn sentenza iżda appell minn deċiżjoni. L-akkużat huwa tal-fehma kontrarja għall dik tal-Avukat Generali fis-sens illi l-iżviluppi li seħħew fis-sentenzi dwar l-inammissibilita' ta' stqarrija meta mogħtija fil-mankanza ta' assistenza legali hija raġuni ġdida, żvilupp fil-liġi, li għalih allura seta jagħmel eċċezzjoni mill-ġdid dwarha;

3. **Dr. Marion Camilleri** għall-akkużat **Rio Micallef** issotmettiet illi fil-każ tal-assistit tagħha ma tistax tqum il-kwistjoni ta' *res judicata* għaliex huwa ma kienx intavola eċċezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-istqarrija u dan in linea mas-sentenzi in rigward f'dak iż-żmien. Din l-eċċezzjoni iżda, issolevvaha meta ingħata l-awtorizazzjoni mill-Qorti allura wara li kien hemm żviluppi mis-sentenzi tal-Qrati tagħna dwar l-istqarrija mogħtija in mankanza ta' assistenza legali. Inoltre dan huwa process wieħed u fl-istess waqt ma jistgħax ikun li jkun hemm ordni ta' sfilz ta' prova da parti ta' oħrajn u mhux tal-assistit tagħha;

4. **Dr. Michael Sciriha** għall-akkużat **Darren James Vella** assoċja ruħu mal-argumenti mressqa mill-kollegi tad-difiża u żied

jamplifika illi l-Avukat Generali donnu irid li jkun applikat il-Kodici Kriminali indipendentement mid-drittijiet kostituzzjonali tal-akkuzat kif kristalizzati fis-sentenzi tal-Qrati taghna. Inoltre, l-princpju ta' *res judicata* fil-kamp penali huwa differenti minn dak fil-kamp civili u ghalhekk minn dak kif prospettat mill-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu li bih qed jitlob li jkunu sanzjonalti hwejjeg li llum huma dikjarati li jmorru kontra l-kostituzzjoni;

**X. Decizzjoni - vs - Sentenza:**

1. Qabel kull konsidrazzjoni ohra, jehtieg li tkun deciza l-eccezzjoni sollevata minn David Tabone fis-sottomissjonijiet orali (udjenz tas-16 ta' Novembru, 2018) senjatament illi meta Qorti tiddeciedi dwar eccezzjoni ta' natura preliminari imressqa minn akkuzat ma taghtix sentenza izda taghti decizzjoni kif ukoll illi appell minnha quddiem din il-Qorti huwa appell minn decizzjoni u mhux appell minn sentenza;

2. L-abbli difensur tal-akkuzat ressaq dan l-argument sabiex jikkonvicni lil din il-Qorti illi ma jistghax ikun hemm *res judicata* f'dan l-istadju ghaliex ir-*res*, l-oggett, ghandu muhiex komplet u ma hemmx it-totalita' tal-procedura li tintlahaq biss meta l-kawza tkun determinata finalment mill-Qorti;

3. L-Artikolu 438 (4) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi wara li jkun stabilit jum ghas-smigh tal-eccezzjonijiet (igifieri dawk ravvizati fl-artikolu 449 u kull eccezzjoni dwar l-ammissibilita' ta' provi), ghandha tordna lir-registratur jaqra l-att tal-akkuza, u wara **tghaddi biex tiddeciedi fuq dawk l-eccezzjonijiet**. Is-subartikolu (5) imbaghad jipprovdi illi jekk ma tkun inghatat ebda eccezzjoni jew

**wara li jkunu decizi dawn l-eccezzjonijiet** il-Qorti ghandha tistabilixxi jum ghas-smiegh tal-kawza;

4. Issir issa referenza ghall-Artikolu 449(1) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi ghall-appell quddiem din il-Qorti mill-Avukat Generali jew mill-akkuzat dwar kull **decizzjoni** fuq l-eccezzjonijiet hemm ravvizati. Is-subartikoli (2), (3) u (6) ukoll jipprovdu dwar l-appell minn **decizzjoni** tal-Qorti u dan a differenza tal-Artikoluo 500 li jipprovdi dwar appell kontra **dikjarazzjoni ta' htija** jew kontra **s-sentenza** moghtija fuq id-dikjarazzjoni ta' htija. L-artikoli li jsegwu ukoll jitkellmu dwar appell minn sentenza izda imbghad l-Artikolu 504 ma jaghmel ebda distinzzjoni bejn decizzjoni u sentenza meta jipprovdi ghall-forma u z-zmien tal-appell. Din id-distinzjoni imbaghad tisfuma fl-artikolu 506 (a) li jipprovdi li l-Qorti tista' todna l-produzzjoni ta' kull dokumenti li jidrillha li huma mehtiega ghad-**decizzjoni tal-kawza**.

5. Illi ghalhekk jidher illi l-Kodici Kriminali jirreferi ghal-sentenzi u decizzjonijiet b'mod li ma jaghmel ebda distinzjoni bejnithom u meta jirreferi ghad-decizzjoni tal-Qorti Kriminali dwar xi eccezzjonijiet jidher li jaghmel dan biex jiddistingwi bejn iz-zewg stadji tal-kawza. Ma jfissirx b'daqshekk illi decizzjoni tal-Qorti Kriminali dwar eccezzjoni ta' natura preliminari mhix sentenza fil-veru sens. Il-Kodici Kriminali jaghmel distinzjoni cara bejn digriet u decizzjoni jew sentenza. Fl-artikolu 415 dan ma jistghax ikun aktar manifest minn hekk meta jitkellem dwar appell minn digriet interlokutorju u sentenza definittiva. Issa, eccezzjonijiet ta' natura bhal dawk ravvizati fl-Artikolu 499 ikunu decizi permezz ta' sentenza u mhux permezz ta' digriet;

6. Fil-kaz bhal dak hawn devolut, id-decizzjoni ta' din il-Qorti *qua* Qorti ta' Appell dwar decizzjoni ta' natura preliminari deciza

b'sentenza mill-Qorti Kriminali hija wahda finali dwar il-materja hemm imqanqla u ma tistghax terga titqajjem fil-kaz meta jkun hemm appell mill-verdett tal-guri. Dan proprju ghaliex hija sentenza li tkun ghaddiet in gudikat fuq dik il-materja;

7. Inoltre, l-artikolu 662 tal-Kodici Kriminali inehhi kull dubju dwar meta jipprovdi hekk:

> **662** (1) Taht l-isem generiku ta' "decizzjoni" jidhlu: kull verdett tal-guri fuq il-fatt, kull sentenza tal-qorti li tillibera, issib hati jew tikkundanna lill-imputat jew akkuzat, kull process verbal li jsir dwar access jew kompliazzjoni ohra taht id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici (barra minn access ghall-finijiet tal-verifika tal-prova dwar l-"*in genere*"), u minbarra dawn, kull digriet jew ordni definitiv iehor tal-qorti
>
> (2) Kull decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tigi deciza kwistjoni ta' ligi, ghandu jkun fiha qabel kollox ir-ragunijiet li jkunu wasslu l-qorti ghal dik id-decizzjoni.

8. Tajjeb li jinghad ukoll illi meta f'kawzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati ad ezempju tkun imqanqla eccezzjoni ta' natura preliminari bhal dik tal-preskrizzjoni, il-Qorti tiddisponi minnha permezz ta' sentenza u mhux permezz ta' digriet. Issa f'kaz illi tinghata sentenza preliminari jiskatta d-dritt ta' appell minn parti jew ohra skont il-kaz proprju ghaliex dak ma jkunx digriet li jista' jkun appellat biss fl-ahhar wara s-sentenza. Illi ghalhekk huwa zbaljat l-akkuzat David Tabone meta jittanta jisvesti minn natura tad-decizzjoni tal-Qorti Kriminali dwar eccezzjoni preliminari minn dik ta' sentenza u jekwiparaha ma' decizzjoni li tista' terga tkun imqanqla fi kwalunkwe stadju iehor. Jekk l-akkuzat irid li din tkun ekwiparata ma' digriet li jista' jkun soggett ghall-ripensament *contrario imperio* allura huwa ukoll zbaljat;

**XI. Iz-zewg sentenzi:** Raggunt dan il-punt, jokkori li jkunu ezaminati iz-zewg sentenzi in kwisjtoni fid-dawl tal-elementi tal-principju *res judicata* u ghal dan il-ghan huwa opportun li tkun riprodotta il-parti dispositiva ta' kull wahda minnhom.

1. **Is-sentenza tal-11 ta' Frar 2015** (minn issa ("l-ewwel sentenza"):

*Ikkunsidrat:*

*It-tielet eccezzjoni tirrigwarda l-inammissibiltà ta' stqarrijiet tal-istess Darren James Vella peress illi dawn saru minghajr assistenza legali.*

*Ikkunsidrat:*

*Irrizulta mill-provi illi l-akkuzat kellu tmintax-il (18) sena meta ghamel l-istqarrija. Kwindi kien maggorenni ghal kull sens tal-ligi u stante c-cirkostanzi u r-rwol illi kellu f'dan il-kaz m'ghandux jitqies bhala persuna vulnerabbli. Dan fil-kuntest ta' dak illi ntqal mill-Qorti tal-Appell, Sede Kostituzzjonali, Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali tal-10 ta' Ottubru tal-2012, fil-kawza John Attard versus Onorevoli Prim Ministru tal-31 ta' Ottubru 2012 u Pulizija versus Paul Cutajar, Appell Inferjuri (Ghawdex) tat-18 ta' Gunju 2013. Ghalhekk l-istqarrija ghandha tigi accettata flimkien mal-assjem tal-provi kollha migjuba fil-konfront tal-akkuzat flimkien mal-caveat maghmul fil-kawza fuq imsemmija Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali illi "L-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-periklu li joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar htija bla ma jqisu wkoll il-provi l-ohra ..."*

Ommisis

*B'hekk il-Qorti qieghda tiddispondi mill-eccezzjonijiet ta' Darren James Vella.*

*Ikkunsidrat:*

*Rigward l-eccezzjonijiet ta' David Tabone, l-Qorti osservat illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet gew irtirati. It-tielet eccezzjoni tirrigwarda l-inammissibiltà tal-istqarrijiet peress illi saru minghajr assistenza ta' avukat. Fuq dan il-Qorti digà esprimiet ruhha meta kienet qieghda tiddelibera l-eccezzjonijiet ta' Darren Vella u taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet illi ghamlet f'dawk l-eccezzjonijiet.*

Ommisis.

*B'hekk il-Qorti ukoll qieghda tiddisponi mill-eccezzjonijiet ta' David Tabone.*

*Ikkunsidrat:*

*B'riferenza ghall-eccezzjonijiet ta' Rio Micallef il-Qorti rat illi t-tieni eccezzjoni giet irtirata u ghalhekk fadal biss l-ewwel eccezzjoni fejn l-akkuzat qieghed jeccepixxi li xhieda ta' ko-akkuzat ma tikkostitwix prova la kontra u lanqas favur ko-akkuzat iehor. Fuq dan il-Qorti tghid ukoll illi l-akkuzat Micallef qieghed jiddikjara l-ovvju u taghmel riferenza ghal dak illi ntqal f'dan il-gudikat fil-konfront ta' Darren James Vella fejn saret riferenza ghall-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali.*

*Ghalhekk din il-Qorti ssib illi ma hemmx aktar eccezzjonijiet x'jigu kunsidrati u tiddiferixxi l-kawza sine die biex tistenna t-turn taghha tinstema' bhala guri.*

2. **Is-sentenza tal-24 ta' April, 2017** (minn issa ("it-tieni sentenza").

*Rat l-eccezzjoni sollevata mill-akkuzati li hija l-istess ghalihom it-tlieta liema eccezzjoni tirrigwarda l-inammissibilita' bhala prova ta' l-istqarrijiet rilaxxjati mill-akkuzati lill-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi fl-eccezzjoni minnhom imressqa l-akkuzati jinsistu illi l-istqarrijiet rilaxxjati minnhom lill-pulizija huma inammissibbli bhala prova u dan billi ittiehdu minghajr l-assistenza ta' avukat. David Tabone inoltre jinkludi mal-istqarrijiet kull dikjarazzjoni illi huwa ghamel lill-pulizija mill-mument ta' l-arrest tieghu. L-akkuzati l-ohra fil-kors tat-trattazzjoni ukoll jinsistu illi l-istqarrijiet rilaxxjati minnhom ma ghandhomx jinkludu biss dawk li hemm bil-miktub izda kull dikjarazzjoni moghtija minnhom lil-pulizija anke verbalment mill-mument ta' l-arrest taghhom.*

*Illi l-Avukat Generali jishaq illi din l-eccezzjoni kienet diga giet imqanqla mill-akkuzati u deciza minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fejn l-istess eccezzjoni giet michuda u dan permezz ta' sentenza datata 11 ta' Frar 2011. Kwindi gjaldarba din ghaddiet in gudikat l-akkuzati ma jistghux iressqu tali eccezzjoni mill-gdid. Ukoll ma jaqbilx illi tali prova*

*hija wahda inammisibbli billi il-linja gwida moghtija mill-gurisprudenza kemm tal-qrati maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropeja dwar is-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem titkellem dwar l-istqarrijiet moghtija fil-mument ta' l-interrogazzjoni u mhux kull stqarrija ohra rilaxxjata mill-akkuzati anke verbalment. Di piu jishaq illi huwa biss l-akkuzat David Tabone li fl-eccezzjoni minnu sollevata jinkludi tali dikjarazzjonijiet u mhux l-istess ghall-akkuzati l-ohra. Iqies ukoll li ghandha issir distinzjoni bejn l-ewwel stqarrijiet rilaxxjati mal-arrest u cioe' id-Dokument DT, DJV u RM u dawk rilaxxjati madwar xahrejn wara u cioe' id-Dokumenti DT1, DVJ1 u RM1 billi fil-frattemp l-akkuzati kellhom kull opportunita li jikkonsultaw rwiehom ma' avukat qabel din it-tieni interrogazzjoni.*

*Illi qabel xejn din il-Qorti tosserva illi l-eccezzjoni sollevata issa mill-akkuzati hadet bixra kemmxejn differenti minn dik li kienet giet sollevata mill-akkuzati David Tabone u Darren James Vella fl-istadju preliminari ta' l-eccezzjonijiet, billi hija imsejsa fuq pronunzjament recenti moghti milli-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn giet kristallizzata l-posizzjoni dwar id-dritt penali maltija fejn persuna suspettata ma kenitx giet moghtija assistenza legali ghaliex il-ligi dak iz-zmien kienet tipprekludi tali dritt. Dan ghaliex hemm mistqarr car u tond illi kwalunkwe dikjarazzjoni li l-persuna suspettata setghet hekk ghamlet hija lesiva tad-dritt taghha ghal smigh xieraq u dan meta l-konfessjoni minnu maghmula titqies bhala prova f'awla tal-Qorti.*

*Illi din il-Qorti, kif ippresjeduta, kellha diga okkazzjoni tesprimi ruhha fuq dan il-punt ta' dritt fejn allura fid-dawl tal-linja gwida moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kienet tal-fehma illi tali stqarrijiet rilaxxjati mill-persuna akkuzata minghajr ma din kellha l-okkazzjoni li tikseb l-assistenza minn ghand l-avukat tal-fiducja taghha ma kellhiex valur probatorju billi jkun ferm perikoluz ghal Qorti li tistrieh fuqha sabiex issib xi htija fil-persuna akkuzata li tkun inkriminat ruhha minghajr ma kellha difiza adegwata u allura ikun hemm ir-riskju ta' lezjoni tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq* [1].

*Illi din kienet ukoll il-fehma tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede Superjuri):*

*"While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the conditions for the admissibility of*

[1] *Ara Il-Pulizija vs Joseph Camilleri – 25/02/2016;*

*an accused's statement as laid down in article 658 of the Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement[2]."*

*Illum il-legislatur irregola din il-kwistjoni darba ghal dejjem, ukoll sabiex jigi in linja mal-ligi komunitarja fir-rigward, u dan meta bl-Att LI tal-2016 sehhet it-traspozizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta'Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li terza persuna tkun infurmata dwar it-tiċħid ta' libertà u li persuna tikkomunika ma' terzi persuni u mal-awtoritajiet konsulari waqt li tkun imċaħħda mil-libertà, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fis-6 ta' Novembru 2013 (L 294/1).*

*Illi ghalhekk l-ligi kif illum emendata tirrifletti din is-salvagwardja u ukoll hija in linja mad-dritt ewropew kif inghad. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tinjora mhux biss principju ormai stabbilit mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika mhux biss tul l-iter tal-proceduri penali fil-qorti, izda ukoll ghal hekk imsejjah pre-trial stage u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata, izda trid tara illi timxi in konformita tal-ligi mhux biss ewropeja izda ukoll lokali li illum tirregola din il-materja.*

*Illi l-linji gwida imfassla mill-Qorti Kostituzzjonali ghal gudikant li ikollu f'idejh id-decizjoni dwar jekk ghandux jiehu kont ta' stqarrija tal-interrogat bhala prova in atti sabiex jasal ghal gudizzju tieghu, fejn gie deciz illi fuq kollox ghandu jittiehed kont tal-fattispecje ta' kull kaz, fost ohrajn il-vulnerabbilita tal-persuna li tkun qed tigi interrogata (fosthom l-eta, il-precedenti penali) l-jedd li l-persuna interrogata kellha biex tibqa' siekta u ma twegibx ghal dawk il-mistoqsijiet li jistghu jinkriminawh, l-inattivita da parti ta' l-akkuzat milli jipprova jattakka l-validita ta' l-istqarrija tieghu mill-bidunett tal-proceduri, l-provi l-ohra li hemm fl-atti, fost ohrajn, illum gew mibdula mill-istess Qorti fejn fis-sentenza* ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et*** *deciza fit-03 ta' Mejju 2016 inghad hekk:*

[2] *The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor deciza 1/12/2016*

***Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni tagħha, għalkemm ittenni li għadha tal-fehma illi hija interpretazzjoni sostenibbli u ta' buon sens.***
*U ghalhekk wasslet ghad-decizjoni illi fid-dawl tal-gurisprudenza recenti koncernanti s-sitwazzjoni legali f'Malta qabel l-emendi li dahhlu fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010:*

***".... il-Qorti ssib li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-istess Konvenzjoni fis-sens li ma nghatatx l-assistenza legali qabel jew waqt l-interrogazzjoni tal-appellant mill-pulizija."***

*Dan ifisser allura li din il-Qorti issa ma tistax timxi fuq id-decizjoni moghtija minn din il-Qorti, hekk kif diversament ippresjeduta tal-11 ta' Frar 2015, billi din kienet segwiet il-linji gwida ezistenti f'dak iz-zmien li illum gew mibdula u jekk dan isehh allura din il-Qorti tkun qed timxi bi vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u id-dritt ghal smiegh xieraq imfassla fil-Kostituzzjoni.*

*Issa xi ighidu dawn id-decizjoni recenti[3] moghtija mill-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem?*

***"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.***

***The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used***

[3] *Mario Borg vs Malta 37537/13 12/01/2016*

*for a conviction. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6."*

*Il-Qorti iddecidiet illi l-fatt wahdu illi l-ligi domestika ma kenitx tipprevedi d-dritt ghall-assistenza legali meta l-persuna suspettata kienet tinsab fil-kustodja tal-pulizija hija bizzejjed sabiex ikun hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6:*

*"60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, 24 October 2013; Brusco v. France, October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."*

*Illi gie deciz illi l-qrati ma kellhomx jaghtu interpretazzjoni stretta tad-decizjoni Salduz vs Turkey kif sehh fil-kaz ta' Charles Steven Muscat fost ohrajn. L-Imhallef Pinto De Albuquerque*[4] *ighid hekk fl-opinjoni tieghu:*

***"the interpretation of Salduz by the Constitutional Court of Malta is in breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character". .... Be that as it may, in the light of the repetitive findings of violations of Article 6 § 3 (c) of the Convention by this Court, the Maltese Constitutional Court should correct its trajectory and return to its initial Convention-friendly interpretation of Salduz."***

*Imbaghad fil-kawza Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine (13.06.2014) gie deciz: –*

***"The Court reiterates the principles developed in its case-law, according to which the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, although not absolute, is one of the fundamental features of the notion of a fair trial. As a rule, access to a lawyer should be provided from the first time a suspect is questioned by the police, unless it can be demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there were compelling reasons to restrict this right (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 55, 27 November 2008). The right to mount a defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police questioning without access to a lawyer are used for a conviction (ibid.). While a defendant in criminal proceedings may, under various circumstances, waive his right to legal representation, such a waiver may not run counter to any important public interest, must be unequivocally established, and must be attended by minimum safeguards commensurate with the waiver's importance."***

*Maghdud dan allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna*

[4] *Ara partly concurring and partly dissenting opinion of Judge Pinto De Albuquerque fid-decizjoni Mario Borg vs Malta*

*akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xortwahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)[5] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*

***"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.***

***32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.***
***33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see Salduz, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis***

5 *Dayanan vs Turkey – 7377/03 deciza 13/10/2009*

***of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, <u>notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody</u>."*** *(sottolinjar tal-Qorti)*

*Fil-fatt fid-decizjoni Brusco vs Franza[6] gie deciz:*

***"La Cour constate également qu'il ne ressort ni du dossier ni des procès-verbaux des dépositions que le requérant ait été informé au début de son interrogatoire du droit de se taire, de ne pas répondre aux questions posées, ou encore de ne répondre qu'aux questions qu'il souhaitait. Elle relève en outre que le requérant n'a pu être assisté d'un avocat que vingt heures après le début de la garde à vue, délai prévu à l'article 63-4 du code de procédure pénale (paragraphe 28 ci-dessus). L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."***

*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju fil-konfront tal-persuna akkuzata illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta[7] fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta'l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

---

[6] *1466/07 – 14/10/2010 The Court also notes that it does not follow either the file or the minutes of evidence that the applicant had been informed at the beginning of his examination of the right to remain silent, not to respond to questions, or to not answer the'questions he wanted. It further notes that the applicant had been assisted by a lawyer twenty hours after the start of the custody period provided for in Article 63-4 of the Code of Criminal Procedure (see paragraph 28 above) . The lawyer was therefore unable either to provide information on his right to remain silent and not to incriminate before his first interrogation or assist during the deposition and during those which followed, as required by Article 6 of the Convention*

[7] *02/07/2015 – 34373/13*

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

*Esposti kwindi dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u id-dritt illum vigenti fir-rigward li issa jinsab konformi mad-dritt komunitarju kif inghad, din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi kwalunkwe dikjarazzjoni li setghu ghamlu l-akkuzati u kull stqarrija rilaxxjata minnhom lill-pulizija mill-mument ta'l-arrest taghhom hija lesiva tad-dritt fondamentali taghhom jekk dawn inghataw minghajr ma huma kellhom assistenza legali. Illi l-Qorti ma tistax taghmel distinzjoni bejn l-akkuzati ghaliex xi uhud minnhom setghu ma ressqux formalment eccezzjoni rigward kull dikjarazzjoni li ghamlu lill-pulizija ghaliex gjaldarba din il-Qorti issib li jista jkun hemm vjolazzjoni ghad-dritt tas-smigh xieraq dan jezisti ergo omnes u ma huwiex partikolari ghal xi akkuzat minnhom biss. Mhux biss izda it-tifsira moghtija mill-ligi vigenti illum tal-frazi 'proceduri kriminali' tinkludi 'l-investigazzjonijiet tal-pulizija', li allura ifisser illi dan il-mument jiskatta hekk kif jitniehdu dawn l-investigazzjonijiet li certament allura ifisser mal-mument ta'l-arrest. (ara artikoolu 534A Kodici Kriminali). Kwindi hekk kif gew arrestati l-akkuzati li f'dak il-mument kienu ghadhom biss suspettati huma kellhom jinghataw it-twissija, kif del resto jidher li gew moghtija, izda din kienet dik it-twissija li kienet tinghata skont il-ligi vigenti dak iz-zmien li allura ma kenitx tikkomprendi il-jedd ghal parir u assistenza legali. Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija.(ara Alexander Zaichenko vs Russia – 18/02/2010):*

***"The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is"charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened.***

***'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."***

*Dan ghaliex l-istadju tal-investigazzjonijiet fil-gurisprudenza ewropeja jassumi importanza fl-ambitu tal-proceduri penali billi is-smigh xieraq tal-persuna li qed tiffaccja dawn il-proceduri jista jigi mittiefes minn kwalunkwe att investigattiv jekk il-persuna investigata ma tkunx giet moghtija il-jeddijiet skont il-Konvenzjoni, b'mod partikolari allura il-jedd ghall-assistenza legali li ghandu jigi applikat mill-bidunett. Fil-fatt fid-decizjoni Dayanan hawn fuq iccitata l-jedd ghall-assistenza legali ghandu jitwieled mal-mument ta'l-arrest irrispettivament minn kwalunkwe interrogazzjoni.*

*Illi fir-rigward tat-tieni stqarrijiet bil-miktub rilaxxjati mill-akkuzati, ghalkemm huwa minnu illi l-akkuzati setghu kellhom kull opportunita li huma minn jeddhom jikkonsultaw riewhom ma' avukat, madanakollu kellu jigi imfisser lilhom qabel l-interrogazzjoni il-portata ta' dan il-jedd u allura li kellhom dritt jiehdu parir minn avukat bhala parti mit-twissija lil lilhom tigi moghtija fil-mument precedenti l-interrogazzjoni. Dan kjarament ma sarx billi kif inghad il-ligi dak iz-zmien kienet tippreskludi tali jedd.*

*Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-akkuzati u allura tiddikjara kwalunkwe dikjarazzjoni u kull stqarrijia bil-miktub rilaxxjati minnhom lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet bhala nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju u ghalhekk ma ghanhomx jingiebu a konjizzjoni tal-gurati u ukoll ma ghandux isir referenza ghalihom mill-ebda xhud u dan meta l-kaz tal-akkuzati jibda' jinstema minn din il-Qorti bil-gurija nhar it-Tlieta 02 ta' Mejju 2017*

## XII. Rikapitolar:

Tajjeb li f'dan l-istadju, wara l-inkluzzjoni taz-zewg sentenzi, jkun rikapitolat li kienu biss l-akkuzati **David Tabone** u **Darren James Vella** li inizjalment ressqu l-eccezzjoni tal-inammissibilita' tal-istqarrija peress illi dawn ittiehdu minghajr ma kienu legalment assisti, liema eccezzjonijiet kienu michuda bl-ewwel sentenza. Wara li kienu awtorizzati iressqu eccezzjoni ulterjuri b'digriet tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' April, 2017, **kull wiehed** mill-akkuzati ressaq l-

eccezzjoni tal-inamissibilita' tal-istqarija (fil-kaz ta' Rio Micallef taz-zewg stqarrijiet) bl-akkuzat **David Tabone** jecepixxi inoltre l-inammissibilita' ta' dak kollu li ntqal minnu lill-Pulizija fl-istadju ta' investigazzjoni mill-mument tal-arrest tieghu;

**XIII. Il-gudikat fis-sistema guridiku taghna:**

**1.** Il-gudikat huwa kwistjoni ta' ordni pubbliku mahsub sabiex jiskansa sitwazzjonijiet fejn persuna tipproponi ghad-decizzjoni tal-Qorti, vertenza, jew f'dan il-kaz eccezzjoni, tal-istess natura wara li din tkun ghaddiet mill-istadji kollha miftuha ghall-parti, igifieri f'kaz ta' appell jew tkun iddekadiet mill-fakolta' li tinterponi appell dwarha.

> Illi kif ritenut fil-kaz Dr. Herrera noe vs Cassar noe mill-Qorti tal-Appelli Kummercjali, datat l-5 t;Ottubru, 1992: "... l-exeptio rei judicatae ghandu bhala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll ghaliex interest re publicae ut sit finis litium. Sentenza li ghaddiet in gudicat, igifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – res judicata pro veritate habetur – jigifieri l-fundamen ta' l-action u tal-exceptio judicati hija preskrizzjoni legali u ghalhekk hija strictissimae interpretationis.
>
> Illi ghalhekk l-effett retroattiv ta' sentenza hu eskluz ghal dawk il-kazijiet li jkunu gew decizi b'mod finali.
>
> Illi kif jirritjenu l-Harris, O'Boyle u Warbrick f'Law of the European Convention on Human Rights, Oxford University Press, 2009, p.269: "The right to a fair hearing also requires that, in accordance with the principles of res judicata, the judgement of the final court that decised a case should be rirreversible, in accordance with the principle of legal certainity. (**Ivan Cauchi vs Avukat Generali** 64/2011 – PA (Gur Kost) 8.11.2012)

**2.** Il-kuncett tal-gudikat japplika wkoll ghall-kawza kriminali u dan mhux ghal beneficcju tal-akkuzat biss (**Carmel Joeph Farrugia vs L-Avukat Generali** – 35/2011 /l PA (Gur Kost) 29.10.2012).

Japplikaw ghalhekk l-istess rekwiziti u jehtieg li jkun hemm il-konkorrenza tat-tlett elementi: **eadem res, eadem personae** u **eadem causa petendi.** Minn dawn it-tlett elementi huwa kontestat il-causa petendi bhala eadem u dan ghaliex ghalkemm ma hemmx dubju illi huma l-istess tlett akkuzati li ressqu l-eccezzjoni dwar l-inamissibilita' tal-istqarrija, eadem res, David Tabone li qatt ma kien ppropona din l-eccezzjoni huwa l-istess akkuzat li kien iddekada mid-dritt li jressaqaha. Dan jestendi ukoll kwantu l-aedem cause petendi ghaliex si tratta dejjem tal-ammissibilita' o meno tal-istqarrijiet taghhom;

**3.** Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjoniali fil-25 ta' Jannar, 2013 fl-ismijiet **John Camilleri vs Avukat Generali** 28/2010/1 insibu in rassenja l-elementi utili li jolqtu wiehed mill-elementi tal-gudikat, u li din il-Qorti ser taghmel referenza ghalihom, fejn kien ritenut hekk:

> [21] In tema legali, huma relevanti s-segwenti principji guridici regolanti l-materja u li gew abbracjati fil-gurisprudenza nostrana.
>
> [22] Illi l-identita' tad-domandi fiz-zewg kawzi ma hemmx ghalfejn tkun assoluta, basta li jkun hemm identita' fuq il-punt kontrovers li fit-tieni kawza jidhol bhala parti ntegrali tal-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel kawza.[8] Il-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anke ta' dak li messu gie diskuss u ma giex diskuss mill-parti li kellha tiddisktih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; ukoll, il-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-divesita ta' motivi tal-*cause petendi.*[9] Hemm gudikat implicitu meta d-decizzjoni tkun konsegwenza necessarja tad-disposizzjoni espressa, ghax il-volonta' tal-gudikant tista tittiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza.[10] Il-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni kien messha jew setghet giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni

---

[8] Ara. App. C Cassar vs Zammit deciz 10/12/1956; *App. C.* Rita Borg vs Francis Borg deciz 3/10/2008.
[9] Ara. *App.C* Carmelo Bonello v Edgar Cuschieri deciz 6/3/1950 Vol. XXXIV.I.74; u *App.C* Joseph Vella vs
Emanuel Falzon deciz 25/2/1997 Vol. LXXXI.II.307.
[10] Ara *App.C* Eugenio Borg ne v. SaverioFarrugia deciz 31/3/1952 Vol. XXXVI.I.75

stess.[11] Finalment, jinsab ritenut li "Ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess precedenti billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk *imputet sibi*; u s-sentenza precedenti ma tistax tigi injorata u mqieghdha fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolajzzjoni taghha".[12]

**4.** Is-sentenza appena citata hi, b'analogia, ta' maggior rilevanza ghal-kwistjoni odjerna ghaliex f'dik il-kawza, igifieri it-tieni wahda li ghaliha kien eccepit il-gudikat, l-appellant kien adixxa lill-Qorti bi premessi li l-ligi, fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat li tieghu instab hati, ma kienitx tikkontempla l-konfiska tal-prorjeta'. Il-Qorti, izda, ikkonkludiet illi dik il-parti ta-ligi *de quo* kompriz is-setgha tal-konfiska kienet gia ezistenti. "Dan jirrizulta car mil-konsiderazzjonijiet maghmula minn dik il-Qorti [dik tal-Appell Kriminali] li, wara li ezaminat dan il-punt, u ccitat l-artikoli relattivi, kkonkludiet, u espressament iddikjarat, li "*Ta min isemmi li dan il-provvediment tal-ligi [li bis-sahha tieghu giet ordnata l-konfiska] kien jezisti meta sehh ir-reat ...*[13]" Dan gie sussegwentement konfermat minn din il-Qorti f'dik il-kawza meta osservat li r-rikorrent inghata piena kontenuta fil-ligi fiz-zmein meta sar ir-reat, u ma kien hemm ebda retroattivita'". (sentenza appena citata para 24).

**5.** Ezaminata l-kwistjoni hawn devoluta mill-ottika tal-insenjament appena citat, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-identita' fil-*causa petendi* bejn l-ewwel u t-tieni sentenza ma tistax tkun facilment mqiegdha f'kompartamenti separati. Meta wiehed jitkellem fuq l-identita' dwar il-punt kontrovers jista' facilment jikkonkludi illi l-punt diskuss sia fl-ewwel kif ukoll fit-tieni sentenza kien l-istess, igifieri ir-rimozzjoni tal-istqarrijiet mill-atti

[11] Ara. *App.C* **Antonio Magri v. Emanuele Dingli deciz 27/4/1953**
[12] Ara *App.* Carmelo Camilleri v. Spiru D'Amato deciz 2/3/1956 Vol. XLA.I.65
[13] Supra

processwali. Ma' dan, izda, jorbot it-tieni element emergenti mis-sentenza citata ghaliex fl-ewwel sentenza qatt ma seta kien diskuss *u ma kienx diskuss mill-parti li kellha tiddiskutieh biex isostni d-domanda jew l-eccezzjoni taghha.* Dan ghaliex id-domanda tal-akkuzati Rio Micallef u Darren James Vella kienet posutlata fit-termini tal-*quid juris* f'dak iz-zmien fejn il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem kienet tat rimedji ghall-cirkostanzi konsimili bhal fil-kaz Salduz vs Turkey [GC] 36391/02 u ohrajn u l-Qorti Kostituzzjonali kienet tirritjeni mod iehor bhala fil-kaz ta' Charles Steven Muscat. Infatt din l-ahhar sentenza kienet il-motivazzjoni ghaliex kienet michuda it-talba tal-akkuzati fl-ewwel sentenza lura fis-sena 2015;

**6.** Minn dak iz-zmien sakemm l-akkuzati regghu ressqu eccezzjoni dwar l-istqarijiet taghhom kien hemm zvilupp djametrikament oppost emergenti mill-Qorti Kostituzzjonali billi dawk il-linji gwida minnha precedentement mfassla kwantu jolqtu stqarrija maghmula minghajr assistenza legali twarrbu mill-istess Qorti meta fis-sentenza **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali** et tat-3 ta' Mejju 2016 irriteniet illi *Fic-cirkostanza din il-Qorti hi tal-fehma li ma jkunx ghaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni taghha, ghalkemm ittenni li ghadha tal-fehma illi hija interpretazzjoni sostenibbli u ta' buon sens.* Din il-Qorti taghmel piena referenza ghat-tieni sentenza fejn hemm, b'mod incensurabbli, in rassenja l-izvilupp gurisprudenzjonali sia Kostituzzjonali kif ukoll Konvenzjonali dwar id-dritt ta' assistenza legali fl-istadju *pre-trial.*

**7.** Brevement rakkontata is-sitwazzjoni qabel l-2002, fil-kwistjoni tal-istqarrija fil-*pre trial stage*, persuna arrestata ma kellha ebda jedd ghall-xi forma ta' assistenza legali sakemm iddum arrestata inkluz waqt l-interrogatorju. L-Att III tal-2002 imbaghad introduca fis-sistema legali taghna forma ta' dritt ta' assistenza legali billi ta il-jedd li persuna arrestata tkun intitolata titkellem wicc imm'wicc jew bit-telefon ma' avukat jew prokuratur legali ghal

mhux aktar minn siegha zmien ex artikolu 355 AT tal-Kap 9. Dan il-jedd ma dahalx fis-sistema legali taghna minghjar skossi ghaliex l-artikolu 355 AU imbaghad holoq id-dritt tal-inferenza, igifieri, li f'kaz fejn l-arrestat ikun utilizza d-dritt li jikkonsulta mal-legali tieghu, ikun naqas milli jsemmi fatti li ragonevolment ikun mistenni li jsemmi, l-Qorti, allura fi stadju wara l-*pre trial stage*, "*tista taghmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bhala jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistghux wahedhom jitqiesu bhala prova ta' htija izda jistghu jitqiesu bhala li jammontaw ghal korroborazzjoni ta' kull xhieda ta' htija tal-persuna akkuzata jew imputata".* Dan kien ifisser illi ma tistghax issir tali inferenza f'dak il-kaz li l-persuna arrestata tghazel li ma tghamilx uzu mill-jedd ghall-assistenza legali. Mqabbla dawn il-provvedimenti mad-Direttiva numru 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-arrest, kien hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti dakinhar taht il-ligi taghna, kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogatorju u b'hekk kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat kien soggett ghal-mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor. Tajjeb li jkun rilevat ukoll illi l-Att III tal-2002 ma dahalx fis-sehh qabel is-sena 2010;

**8.** Gara, izda, illi l-Att LI tal-2017 biddel l-Artikolu 355AT u l-Artikoliu 355 AU meta dahal fil-kodici id-dritt tal-assistenza legali kif postulat fid-Direttiva 2013/48 EU. Dawn l-emendi dahlu fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 401/2016, igifieri ferm wara l-ghoti tal-ewwel sentenza. Tajjeb li jinghad ukoll illi bis-sahha tal-Avviz Legali 102/2017 maghmulha taht il-Kodici Kriminali, kienu

introdotti fis-sistema legali taghna ir-Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati;

**9.** Ikkunsidrat ukoll illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri** tal-25 ta' Frar, 2016 (App. Krim), l-Qorti dahlet *funditus* fil-kwistjoni, maggorment gwidata bid-decizzjoni tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta** (37537/1312/2016). Il-konsiderazzjonijiet u d-decizzjoni f'dik is-sentenza huma konsimili ghal dawk fit-tieni sentenza mertu ta' dan l-appell u ghalhekk mghandhomx ghalfejn ikunu riprodotti ghajr is-segwenti brani:

> *Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghall-ewwel impunjattiva imressaqa 'l quddiem mill-appellanti li tikkoncerna l-kwistjoni dwar l-ammissibbilita' o meno tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija meta kien gie arrestat u interrogat lura fis-17 ta' April 2002 u dan billi huwa ma giex moghti il-jedd ghal parir legali qabel gie interrogat. Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha qieset illi tali stqarrija kienet wahda ammissibbli billi l-appellanti ma kienx persuna vulnerabbli, kellu tletin sena, u li din ma kenitx l-ewwel darba li huwa xellef difrejgh mal-gustizzja u ghalhekk kellu esperjenzi precedenti ta' arrest u interrogazzjoni. Huwa kien gie moghti is-solita twissija vigenti f'dak iz-zmien fejn il-persuna arrestata ma kellhiex il-jedd la li tiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni u wisq inqas li tkun assistita minn avukat fil-waqt tal-interrogazzjoni innifisha. Illi fid-decizjoni taghha, l-Ewwel Qorti strahet fuq il-gwida kostituzzjonali li kienet giet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali permezz ta' decizjonijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali (08/10/2012), il-Pulizija vs Robert Busuttil (20/02/2014) u il-Pulizija vs Omar Psaila (20/06/2014). Illi l-appellanti madanakollu jaghmel referenza ghad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li huma kollha konsoni fil-konkluzjoni taghhom illi ikun hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni kull meta persuna arrestata u*

*interrogata ma tkunx inghatat assistenza legali qabel ma tigi assoggettata ghall-interrogazzjoni fejn tista' tinkrimina ruhha.*

Ommisis:

*Illi dan l-Ewwel Qorti ma setatx taghmlu u allura din il-Qorti ser tilqa' dan l-aggravvju imressaq 'il quddiem mill-appellanti u ghalhekk ser tiskarta l-istqarrija ta'l-appellanti rilaxxjata fis-17 ta' April 2002 bhala prova u dan fid-dawl tad-decizjonijiet hawn fuq iccitati.*

**10.** Illi ghalhekk l-evoluzzjoni tad-dritt ta' assistenza legali, kompriz allura l-enuncjazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jista' jkun ekwiparat ma' bdil fil-ligi b'tali mod illi l-akkuzati kellhom kull dritt li jadixxu lil-Qorti bl-istess eccezzjoni preliminari la darba l-guri kien ghadu ma bediex jinstemgha. L-akkuzati ma kienux f'qaghda jressqu diskussjoni, u l-Qorti fl-ewwel sentenza ma setghetx taghmel kunsiderazzjonijiet, dwar il-*quid juris* li tnissel wara dik l-istess sentenza;

**11.** Ikompli ma' dan l-element l-iehor diskuss fis-sentenza John Camilleri citata *supra* meta rriteniet illi *il-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita' ta' motivi tal-causa petendi.* U b'mod partikolari meta rriteniet illi "*Ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizjoni precedenti billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor.*. Dan muhiex il-kaz odjern, ghaliex dak li talbu lill-Qorti meta pproponew l-istess talba kien li jinghataw rimedju fid-dawl tal-tibdil Kostituzzjonali u Konvenzjonali dwar l-inammissibilita' tal-istqarrija li din il-Qorti tekwipara bhala bdil fil-ligi;

**12.** Ghalhekk l-ewwel aggravju rigwardanti l-gudikat qed ikun michud.

**XIV. It-tieni aggravju: L-eccezzjoni mressqa minn Darren James Vella ma hijiex legalment u proceduralment sostenibbli.**

1. F'dan l-aggravju, l-Avukat Generali jargumenta illi minkejja illi huwa talab li jkun awtorizzat iressaq eccezzjoni ulterjuri u minkejja li l-Qorti laqghet dik it-talba, huwa qatt ma ressaq tali eccezzjoni formalment kif jitlob l-artikolu 438(2)(i) tal-Kapitolu 9;

2. Darren James Vella jilqa' ghal dan billi jghid illi meta intavola r-rikors tieghu sabiex jkun awtorizzat iressaq eccezzjoni ta' natura preliminari, indika bi kliem car x'kienet l-eccezzjoni tieghu. Inoltre fl-udjenza quddiem il-Qorti Kriminali, wara li kien hekk awtorizzat, talab lil-Qorti sabiex jipprezenta l-eccezzjoni tieghu bil-mitkub u l-Qorti ddikjarat li dak ma kienx mehtieg ghaliex l-eccezzjoni gia kienet indikata;

3. L-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk:

> **428** (2) L-akkuzat ghandu, permezz ta' nota pprezentata fir-registru tal-qorti mhux aktar tard minn hmistax-il jum tax-xoghol mid-data ta' dik in-notifika –
>
> (i) jaghti avviz dwar l-eccezzjoni imsemmija fl-artikolu 449 u kull eccezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-provi li jkollu l-hsieb li jaghti, u

4. L-artikolu 449 (1) fil-provizo tieghu, izda jipprovdi illi l-Qorti tista' tawtorizza li jinghataw dawk l-eccezzjonijiet ghal raguni li tkun inqalghet wara z-zmien li fih in-nota imsemmija fl-artikolu 438(2) ghandha tigi ipprezentata fir-registru tal-Qorti;

5. Ir-rikors ta' Darren James Vella (11 t'April 2017 a fol 275), jaqra hekk:

> *.../....*
>
> *Illi l-esponenti fit-termini tal-proviso tas-subartikolu (1) tal-artikolu 449 tal-imsemmi Kodici Kriminali, jixtieq jaghti s-segwenti eccezzjoni:*
>
> *Ghar-ragunijiet imsemmija fil-kawza premessa, l-inammissibilita' ta' l-istqarijiet tieghu (DOK DJV u DOK DJV 1) u ta' kull referenza li saret fix-xhieda tal-prosekuzzjoni rigward dak li ntqal fl-imsemmija stqarrijiet;*

*Ghaldaqstant in vista tal-fatt li r-raguni tal-eccezzjoni inqalghet wara z-zmien li fih in-nota imsemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 438 tal-Kap 9 talligijiet ta' Malta (Kodici Kriminali) kellha tigi pprezentata, jitlob lil di l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza l-eccezzjoni msemmija.*

6 Illi fl-udjenza tal-24 t'April, 2017 fejn kien diskuss ir-rikors tal-akkuzati biex jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri, l-Qorti ddekretat hekk: *Wara li rat il-proviso tal-artikolu 449(1) tal-Kodici Kriminali tilqa' t-talba tal-akkuzat u tawtorizza illi titressaq din l-eccezzjoni kolleggjalment minnhom.* Minn hemm ghaddiet sabiex minnufih tisma' s-sottomissjonijiet u l-Avukat Generali ma ressaq ebda oggezzjoni ekwivalenti ghal-gravam in diskussjoni.

7. Jidher ghalhekk illi l-Avukat Generali huwa tal-fehma illi wara li l-Qorti laqghet it-talba ta' Daren James Vella biex jipprezenta l-eccezzjoni tieghu kif redatta fir-rikors minnu prezentat, din kellha jew tiddiferixxi l-kawza jew tipposponi sakemm l-akkuzat formalment jipprezenta din l-eccezzjoni. Din il-Qorti mhix tal-istess fehma. Dan ghaliex l-artikolu 449 mkien ma jipprovdi li f'kaz li tkun awtorizzata eccezzjoni ulterjuri din l-eccezzjoni trid bil-fors tkun introdotta kif jitlob l-artikolu 438. Naturalment jekk wiehed jottjeni awtorizzazjoni minghajr ma jkun indika l-eccezzjoni fir-rikors tieghu allura b'xi mod trid tkun mgharufa lill-Qorti anke sabiex din tkun notifikata lill-parti l-ohra. Izda lill-Qorti gia kien indikat b'mod car lilha x'kienet l-eccezzjoni li ried iressaq l-Avukat u dak ir-rikors (datat 11 t'April 2017) kien ukoll notifikat lill-Avukat Generali bi zmien jumejn ghar-risposta (ara digriet fol 277) bil-guri iffissat ghat-2 ta' Mejju 2017;

8. Illi ghalhekk il-Qorti Kriminali, anke jekk ma qalitx hekk espressaemnt, deherilha illi f'dawk ic-cirkostanzi kellha tqis l-eccezzjoni ulterjuri ta' Daren James Vella formalment prezentata kif postutalata fir-rikors tieghu tal-11 t'April 2017 oltre li qieset ukoll l-istess eccezzjoni maghmulha kollegjalment bejn l-akkuzati.

**9.** Illi ghalhekk l-aspett formali tal-eccezzjoni kien milhuq fil-forma miktuba debitament introdotta fir-registru tal-Qorti bid-digriet tal-Qorti Kriminali u ghal din ir-raguni dan l-aggravju qed ikun michud;

**XV. It-tielet aggravju: Eccezzjoni li tqajjmet biss mill-akkuzat David Tabone.**

**1.** F'dan il-gravam, l-Avukat Generali jillanqa li filwaqt illi l-eccezzjoni tal-akkuzati Rio Micallef u Daren James Vella kienet limitata ghar-rimozzjoni tal-istqarijiet taghhom, kien biss l-akkuzat David Tabone li estenda t-talba ghal kull dikjarazzjoni mistqarra sia bil kitba sia jekk le. Minkejja dan, meta l-Qorti akkoljiet din it-talba estendietha ghal kull dikjarazzjoni rilaxxata ukoll mill-akkuzati l-ohra, liema decizzjoni ghalhekk hija *extra petita* fil-konfront ta' Rio Micallef u Daren James Vella;

**2.** L-abbli difensur tal-akkuzat **Rio Micallef** tilqa' ghal dan billi sssostni li dan huwa process wiehed bl-istess provi u li l-lanjanzji ta' natura kostituzzjonali huma l-istess ghall-kull akkuzat. Inoltre, it-talba tieghu kienet wiesgha bizzejjed meta fin-nota tal-eccezzjonijiet, oltre l-isfilz tal-istqarrija, talab li dan isir flimkien ma' kwalunkwe referenza diretta, ndiretta u ancillari ghall-istess stqarrijiet. Meta l-ligi titkellem dwar stqarrija ma jfissirx unikament stqarrija bil-miktub izda tinkludi ukoll kull stqarrija ohra verbali u ghalhekk ghandha tapplika l-istess protezzjoni li hu intitolat ghaliha l-akkuzat fil-*pre-trial stage*;

**3.** L-abbli difensur tal-akkuzat **Daren James Vella** irribatta illi d-dritt tas-silenzju waqt l-istadju investigattiv mill-Pulizija huwa wiehed kostituzzjonali u dan ghandu jkopri kull diskussjoni li tista' ssir bejn il-pulizija u s-suspettat. Inoltre ma jistghax ikun li dritt kostituzzjonali japplika ghal wiehed u ma japplikawx ghall-akkuzati l-ohra.

Ikkunsidrat:

**4.** Illi kif gia senjalat *supra*, fid-digriet taghha tal-24 ta' April, 2017 meta l-Qorti Kriminali laqghet it-talba sabiex fit-termini tal-artikolu 449(1) jkunu awtorizzati eccezzjonijiet ulterjuri awtorizzat" *illi titressaq din l-eccezzjoni kolleggjalment minnhom*".

**5.** Il-Qorti Kriminali ghalhekk qieset l-eccezzjoni ta' wiehed bhala applikabbli ghall-ohra b'mod kolleggjali. Issa, tajjeb li jinzamm fil-mira illi l-ilment tal-abbli Avukat Generali f'dan l-aggravju muhiex dwar id-decizzjoni tal-Qorti Kriminali *qua* kwalunkwe dikjarazzjoni bil-fomm li setghet saret mill-akkuzati, izda, li dik id-decizzjon kienet estiza u applikata ukoll fil-konfront tal-akkuzati Rio Micallef u Daren James Vella minghajr ma ghamlu eccezzjoni ghal hekk.

**6.** Illi l-Qorti Kriminali li quddiemha kien appuntat is-smiegh tal-guri kienet ferm attenta fl-estensjoni tad-decizzjoni taghha fuq l-akkuzati l-ohra meta rriteniet hekk:

> *Illi l-Qorti ma tistax taghmel distinzzjoni bejn l-akkuzati ghaliex xi uhud minnhom setghu ma ressqux formalment eccezzjoni rigward kull dikjarazzjoni li ghamlu lill-pulizija ghaliex gjaladarba din il-Qorti issib li jista' jkun hemm vjolazzjoni ghad-dritt tas-smigh xieraq dan jezisti erga omnes u ma huwiex partikolari ghal xi akkuzat minnhom biss. Mhux biss izda it-tifsira moghtija mill-ligi vigenti illum tal-frazi 'proceduri kriminali' tinkludi l-investigazzjonijiet tal-pulizija li allur ifisser illi dan il mument jiskatta hekk kif jitniehdu dawn l-investigazzjonijiet li certament ifisser mal-mument ta' l;-arrest (ara artikolu 534A Kodici Kriminali). Kwindi hekk kif gew arrestati l-akkuzati li f'dak il-mument kienu ghadhom biss suspettati huma kellhom jinghataw it-twissija, kif del resto jidher li gew moghtija, izda din kienet dik it-twissija li kienet tinghata skont il-ligi vigenti dak iz-zmien li allura ma kienitx tikkomprendi il-jedd ghal parir u assistenza legali.*

**7.** Dak ribati mill-Qorti Kriminali jindirizza zewg punti kardinali: ir-raguni ghaliex estendiet ir-rimedju fuq dawk li skont l-Avukat Generali ma talbuhx kif ukoll ir-raguni tal-inammissibilita' ta' dikjarazzjonijiet minhghajr twissija li fil fehma ta' din il-Qorti

gabret it-tifsir tad-Direttiva 2013/48/EU trasposta fl-artikolu 355AT u 355AU tal-Kodici Kriminali bl-Att LI tal-2016. Mghandux ragun l-Avukat Generali meta jghid illi din id-decizzjoni kienet *ultra petita* fil-konfront tal-akkuzati Rio Micallef u Darren James Vella u dan ghaliex it-tnejn li huma ressqu l-eccezzjoni tal-inammissibilita' tal-istqarrija (anke jekk Darren James Vella mhux formalment b'nota izda bir-rikors tieghu li bid-decizzjoni ta din il-Qorti *supra* jitqies li huwa validu fic-cirkostanzi);

8. Il-pern tal-kwistjoni kollha ghalhekk hu jekk bil-kelma "stqarrija" ghandux ikun neccessarjament mifhum biss stqarrija bil-miktub jew kull dikjarazzjoni maghmulha minn suspettat minghajr l-assistenza legali li hu intitolat ghaliha

9. Fil-Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – updated on 31 December 2018 mahrug minn Directorate of the Jurisconsult dwar it-tifsira ta' "criminal charge" kien sommat hekk:

> 12 The Court held that a person arrested on suspicion of having committed a criminal offence (Heaney and McGuinness v. Ireland, ss42; Brusco v. France, ss 47-50), a suspect questioned about his involvenement in acts constituting a criminal offence (Aleksander Zaichenko v. Russia, ss 41-43; Yankov and Others v. Bulgaria, ss 23; Schmid-Laffer v. Switzerland, ss 30-31) and a person who has been questioned in respect of her suspect involvement in an offence although she was treated as a witness (Kaleja v. Latvia, ss 36-41) aswell as a person who has been formally charged with a criminal offence under procedure set out in domestic law (Pelissier and Sassi v. France[GC], ss 66; Pedersen and Baadsgard v. Denmark [GC}, ss 44) could all be regarded as being "charged with a criminal offence" and claim the protection of Article 6 of the Convention.

10. Issa, l-Qorti Kriminali, korrettament interpretat il-kelma "stqarrija" bhala kull dikjarazzjoni maghmula lill-pulizija u dan preventivament ukoll sabiex tilqa' ghal kull punt ta' ligi li jista' talvolta jinqala' waqt il-guri. Din il-Qorti ma tarax kif tista' ticcensura din l-interpretazzjoni aktar u aktar meta jkun inutili tilqa' talba tal-inammissibilita' ta' stqarrija bil-miktub izda mhux wahda maghmulha bil-fomm u frankament ma tara ebda differenza

bejn it-tnejn mil-ottika tad-Direttiva 2013/48/UE kif trasposta fl-artikolu 355 AT u 355AU tal-Kodici Kriminali.

**11.** Din il-Qorti hija konkordi ma' dak li rriteniet il-Qorti Kriminali fil-verbal tal-udjenza tal-24 t'April 2017 meta qalet hekk:

> *Illi din il-Qorti tqis illi sehhew ragunijiet wara illi kien inghalaq l-istadju tal-eccezzjonijiet skont il-ligi u wkoll wara d-decizjoni ta' din il-Qorti in konnessjoni mal-inammissibilita' tal-istqarrijiet tal-akkuzati minn fejn il-posizzjoni legali llum tirrizulta illi dikjarazzjonijiet moghtija minn persuna suspettata qabel ma titressaq il-Qorti meta din ma tkunx irceviet l-ebda assistenza legali tikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fundamentali ta' dik il-persuna ghall-smiegh xieraq. Liema ragunijiet ghalhekk ma tistax tghalaq ghajnejha ghalihom u tibqa' ghaddejja bis-smiegh tal-kawza meta jista' jezisti l-perikolu ta' din il-lezjoni ta' dritt.* (sottolinear ta' din il-Qorti)

**12.** Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

## XVI. Ir-raba aggravju: Eccezzjoni li ma tissubentrax fil-proviso tal-Artikolu 449(1).

**13.** Fir-raba' aggravju l-Avukat Generali jillanja l-akkoljiment tat-talba ta' David Tabone li tirrigwarda "dak kollu li ntqal mill-esponenti lill-Pulizija fl-istadju ta' investigazzjoni mill-mument tal-arrest tieghu sal-mument li tressaq il-Qorti" u "dak kollu mistqarr mill-esponenti u registrat sia bil-kitba u sia jekk le";

**14.** L-abbli difensur tal-akkuzat Tabone jilqa' ghal dan billi jghid li kien preciz fir-redazzjoni tal-eccezzjoni ulterjuri tieghu u ghalhekk mhuwiex il-kaz li l-Qorti marret oltre minn dak li talab;

**15.** Fl-eccezzjoni ulterjuri tieghu (Nota tal-21 t'April, 2017), David Tabone eccepixxa bil-mod segwenti:

> Li biha a tenur tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali,qieghed jressaq eccezzjoni preliminari dwar il-fatt li dak kollu li ntqal mil-esponenti lil Pulizija fl-istadju ta' investigazzjoni mil-mument tal-arrest tieghu sal mument li tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, kollha sehhew bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ossia l-Kapitolu 319 tal-

Ligijiet ta' Malta, liema dritt kif gie applikat fis-sena 2008 huwa bi vjolazzjoni cara tat-tifsira u t-thaddim ta' dan id-dritt hekk kif zviluppat permezz tal-gurisprudenza mill-ECHR fil-kawza fl-ismijiet "Borg v. Malta", A.T. v. Luxembourg", u di piu' kif zviluppati ukoll mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "The Republic of Malta v. Samuel Chukwidi Onyeabor" fost l-ohrajn, b'hekk illi a bazi tal-principju legali *quod nullum est nullum producit effectum*, dak kollu mistqarr mill-esponenti u registrat sia bil-kitba u sia jekk le, ghandhom jitqiesu bhala provi legali monki u li ma ghandhomx jingabu quddiem il-gurija that l-ebda forma u xorta.

**16.** L-abbli Avukat Generali jargumenta illi l-*proviso* tal-artikolu 449(1) tal-Kapitolu 9 jaghti d-diskrezzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex tawtorizza eccezzjonijiet ulterjuri "unikament u esklussivament ghar-raguni jew ragunijiet li jkunu nqalghu wara l-iskadenza tat-terminu stipulat fl-Artikolu 438(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta". Itenni l-Avukat Generali illi ma kien hemm ebda raguni li nqalghet wara t-terminu prevvizt fl-artikolu 438(2) u li dikjarazzjonijiet li ghalihom jirreferi l-akkuzat ma jinkwadrawx ruhhom la fl-insenjament ta' Case of Borg v. Malta u lanqas fil-gurisprudenza nostrana tant illi l-akkuzat ittanta jerga jiftah berah l-istadju tal-eccezzjonijiet preliminari u jressaq eccezzjoni gdida.

**17.** Dan l-aggravju jorbot prettament ma' dak gia ventilat fil-paragrafu XV fejn il-pern tal-kwistjoni titratta dwar jekk dikjarazzjoni verbali ghandiex ukoll tassumi l-protezzjoni ta' stqarrija bil-miktub jew le. Il-Qorti Kriminali mhux semplicement laqghet it-talba ta' David Tabone sabiex iressaq dik l-eccezzjoni izda ukoll ikkonsidrata bir-reqqa inkluz ukoll it-talba specifika dwar kull dikjarazzjoni minnu maghmula. Din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tinoltra aktar minn dak ritenut fil-paragrafu XV u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud ghal-istess motivi maghmula fl-imsemmi paragrafu;

**XVII. Il-hames aggravju: Dikjarazzjonijiet rilaxxati minn persuni waqt accertament preliminari.**

**18.** Fl-ahhar aggravju tieghu l-Avukat Generali jillanqa direttament dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti Kriminali li biha ddikjarat li "*kwalunkwe dikjarazzjoni rilaxxata mill-akkuzati lil pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet hija nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju u ghalhekk m'ghandix tingab a konjizzjoni tal-gurati u ukoll m'ghandix issir referenza ghaliha mill-ebda xhud waqt il-guri.*";

**19.** Dan il-gravam issa jolqot lill-akkuzati kollha. L-akkuzat David Tabone wiegeb ghall-dan l-aggravju u ghas-sottomissjoni tal-Avukat Generali in rigward billi qal li l-Avukat Generali ma jistax jitlob minn din il-Qorti interpretazzjoni ta' punt ta' dritt Ewropew, igifieri it-tifsira tal-kliem' "accertamenti preliminari" fil-preambolu tad-Dir 13/48 UE u kien ghalhekk jispetta lilu li jaghmel talba lil din il-Qorti biex taghmel referenza lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea (CJU). Izid jargumenta id-difensur tal-akkuzat Tabone illi dan ma kienx kaz ta' accertament preliminari bhalma jigri f'sitwazzjoni ta' *road block* ghaliex il-pulizija kienu jafu x'qed jinvestigaw u malli avzaw lill-Tabone li kien arrestat spiccat il-fazi tal-accertaemnt u beda dak tal-interrogatorju fejn allura Tabone kellu jkun debitament assistit.

**20.** Id-difiza ta' Rio Micallef wiegeb illi l-istqarijiet sia bil-miktub kif ukoll bil-fomm minnu maghmulha saru wara l-arrest tieghu fejn allura kellu dritt li jkun assistit legalment u inoltre l-ligi ma tiddistingwix bejn stqarrija bil-miktub u stqarrija bil-fomm;

**21.** L-akkuzat Darren James Vella jilqa' ghall-dan l-aggravju billi jaghmel referenza ghas-sentenza ukoll invokata mill-ko-akkuzati l-ohra fl-ismijiet il-Pulizija vs Josianne Azzopardi moghtija mill-PA tal-Qorti Civili (Gur Kost) fl-10 ta' Mejju, 2017 rigwardanti d-dritt tal-assistenza legali anke fil-fazi tal-inkjesta kondotta minn Magistrat u jtenni illi anke diskors preliminari bejn pulizija u

suspettat ghandu ukoll jassumi l-protezzjoni tal-assistenza legali u mghandux ikun distint mill-istqarrija inniffisha.

Ikkunsidrat:

**22.** Illi l-kwistjoni ta' dritt ghall-assistenza legali fl-stadju hekk imsejjah *pre-trial*, illum hija kjarifikata bl-insenjament tal-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza Il-Pulizija vs Aldo Pistella tal-14 ta' Dicembru, 2018 [Rik 104/2016/1] li kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-intier taghha. Il-fatti ta' dak il-kaz jirrigwardaw interogazzjoni mill-Pulizija ta' persuna suspettata minghajr ma inghatat il-fakulta' li tkun assistita minn avukat ta' fiducja taghha prezenti waqt dak l-interrogatorju. Minkejja li is-suspettat inghata dritt u ghamel uzu minn dan id-dritt li jikkonsulta ma' avukat <u>qabel</u> l-interrogatorju, dan id-dritt ma inghatax lilu waqt l-interoggatorju inniffsu;

**23.** Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ikkonkludiet hekk dwar il-fatti appena rakkontati:

> "….tiddikjara illi l-fatt li l-akkuzat Aldo Pistella ma kienx assistit minn avukat ta' ghazle tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija lill-pulizija esekuttiva fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll il-fatt li ma kellux id-dritt li jitlob li jkun assistit minn avukat tal-ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija, ikun jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-istess Aldo Pistella kif tutelat mill-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali tieghu fil-kaz illi l-istqarrija rilaxxjata lill-pulizija esekuttiva tkun prova fil-kawza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella</u> pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja;

**24.** Il-Qorti Kostituzzjonali abbracjat din il-konkluzzjoni minkejja l-aggravju tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija li "*ghalkemm l-appellat ma kellux assistenza legali fil-mument li rrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni huwa xorta kellu d-dritt (li minnu pprevalixxa ruhu) illi jikkonsulta avukat minnuifh qabel ma jibda l-*

*interrogatorju u ghalhekk il-fatt illi ma kellux avukat mieghu waqt l-interrogatorju bl-ebda mod ma ppregudika d-difiza tieghu u dan wisq inqas sal-grad li jista' jikkostitwixxi ksur tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq.*

**25.** Din il-Qorti tosserva ukoll illi fid-decide taghha l-Qorti Kostituzzjoni ippuntwalizzat illi l-ewwel Qorti ma rritenietx illi kien hemm ksur tal-jedd tal-akkuzat, **izda** li uzu tal-istqarrija mehuda minghajr assistenza ikun jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq. Dan iwassal lil din il-Qorti ghall-istess konkluzzjoni tal-ewwel Qorti qabilha, illi ma ghandha ssir ebda referenza ghall-kull stqarrija, miktuba jew orali maghulha maghmulha mill-akkuzati *qua* persuni suspettati lill-Pulizija fl-assenza ta' avukat ta' fiducja taghhom precedenti l-interrogazzjoni u dan sabiex ma jkun hemm ebda ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq fil-konfront tal-akkuzati.

**26.** Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud u konsegwentement tichad it-talba tal-Avukat Generali ghat-thassir u r-revoka tas-sentenza appellata kif postulata fir-rikors tal-appell tieghu tas-27 t'April, 2017.

(ft) Imhallfin

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur